IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 29.6.2012
COM(2012) 359 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/43/KE dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fi ħdan l-UE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

WERREJ

1. Introduzzjoni 4

2. It-Traspożizzjoni mill-Istati Membri 5

3. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva: prodotti relatati mad-difiża 5

4. Il-prinċipju ta' awtorizzazzjoni minn qabel 6

4.1. It-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża bejn l-Istati Membri jridu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel... 6

4.2. ...imma eżenzjonijiet huma possibbli 6

4.2.1. It-trasferimenti minn u lejn korpi governattivi u l-forzi armati, minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew għal programmi kooperattivi dwar l-armamenti 6

4.2.2. It-trasferimenti marbuta ma' għajnuna umanitarja u sitwazzjonijiet ta' emerġenza 6

4.2.3. It-trasferimenti għal tiswija, manutenzjoni, wiri jew dimonstrazzjoni 6

4.2.4. Eżenzjonijiet addizzjonali 7

4.3. Il-liċenzji għall-passaġġ u d-dħul għal prodotti relatati mad-difiża li jidħlu jew li jaqsmu t-territorju ta' Stat Membru 7

4.4. Il-komponenti 7

5. Il-liċenzji ġenerali, globali u individwali tat-trasferiment 8

5.1. Tliet tipi ta' liċenzji tat-trasferiment 8

5.2. Il-liċenzji ġenerali tat-trasferiment 8

5.2.1. Il-forniturі li se jibbenefikaw mil-liċenzji ġenerali tat-trasferiment 8

5.2.2. Il-kategoriji ta' riċevituri li jirċievu prodotti relatati mad-difiża skont liċenzja ġenerali tat-trasferiment 9

5.2.3. It-tipi ta'prodotti relatati mad-difiża li jistgħu jiġu trasferiti skont liċenzja ġenerali tat-trasferiment 9

5.2.4. Ir-reġistrazzjoni qabel l-ewwel użu ta' liċenzja ġenerali tat-trasferiment 9

5.3. Il-liċenzji globali tat-trasferiment 10

5.4. Il-liċenzji individwali tat-trasferiment 10

5.5. L-informazzjoni li għandha tingħata mill-forniturі 10

5.6. L-awtoritajiet tal-liċenzjar 11

6. Iċ-ċertifikazzjoni tal-intrapriżi destinatarji 11

6.1. L-għan taċ-ċertifikazzjoni 11

6.2. Il-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni 11

6.3. It-traspożizzjoni tal-elementi ewlenin taċ-ċertifikazzjoni 11
6.4. Il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar riċevituri ċertifikati 11
6.5. L-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni 11
6.6. Il-miżuri ta' salvagwardja 11
7. L-esportazzjonijiet wara t-trasferiment 11
8. is-sanzjonijiet 11
9. L-isfidi tat-traspożizzjoni 11
10. Konklużjoni 11

Anness 11

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/43/KE dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fi ħdan l-UE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. INTRODUZZJONI

L-għan ta' din id-Direttiva hu li tissimplifika r-regoli u l-proċeduri applikabbli għat-trasferiment bejn il-pajjiżi tal-UE[1] ta' prodotti relatati mad-difiża sabiex tiżgura t-tħaddim korrett tas-suq intern.

S'issa, il-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri li tikkonċerna t-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża fi ħdan l-Unjoni kien fiha d-disparitajiet. Dan jista' jtellef il-moviment tal-prodotti u jfixkel il-kompetizzjoni fis-suq intern, u b'hekk itellef l-innovazzjoni, il-kooperazzjoni industrijali u l-kompetittività tal-industrija tad-difiża fl-Unjoni Ewropea.

L-implimentazzjoni tad-Direttiva hija mistennija li tegħleb l-ostakoli għan-negozju tal-prodotti relatati mad-difiża, tistimula proġetti ta' produzzjoni komuni, twassal biex il-kumpaniji tad-difiża tal-UE jsiru aktar kompetittivi u jikkontribwixxu għall-konsolidament tas-suq intern. B'riżultat ta' dan, l-integraturi tas-sistema tad-difiża jkollhom il-possibbiltà li jiftħu l-katini tal-provvista tagħhom f'kundizzjonijiet aktar prevedibbli, iżidu l-ekonomiji ta' skala u jottimizzaw il-katina tal-manifattura tad-difiża. Ir-regoli l-ġodda jistgħu wkoll joħolqu opportunitajiet għall-SMEs fis-settur biex jidħlu fil-katina tal-provvista fi Stati Membri oħrajn. Il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża tal-UE b'hekk tissaħħaħ. Id-Direttiva se tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-operaturi ekonomiċi u għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. L-effiċjenza tal-kontrolli tal-esportazzjoni fl-UE tiżdied peress li l-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istati Membri jkunu jistgħu jiffokaw ir-riżorsi fuq it-trasferimenti l-aktar sensittivi u għaldaqstant iżommu livelli għoljin tas-sigurtà. Fl-aħħar nett, id-Direttiva se żżid l-assigurazzjoni kontra r-riskju ta' trasferimenti illeċiti, biex b'hekk ikun hemm it-traċċabbiltà u r-rappurtar dwar l-esportazzjonijiet mill-ġdid, kif ukoll issaħħaħ il-fiduċja reċiproka ma' pajjiżi terzi li għandhom intenzjonijiet simili.

Id-Direttiva kellha tkun trasposta mill-Istati Membri sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011 u għandha tiġi applikata mit-30 ta' Ġunju 2012 'il quddiem. Fl-Artikolu 14 tagħha, id-Direttiva tistabbilixxi Kumitat li jiġbor fih rappreżentanti tal-Istati Membri u li għandu rwol li jemenda l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva (bħall-Anness tagħha). Il-Kumitat jgħin ukoll lill-Kummissjoni meta takkompanja l-Istati Membri fil-proċess tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

---

[1] It-test tad-Direttiva jsemmi "trasferiment intra-Komunitarju". Wara l-adozzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, (it-terminu) il-Komunità huwa sostitwit mill-Unjoni.

Dan ir-rapport jimplimenta l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva, li jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport dwar it-traspożizzjoni mill-Istati Membri. Dan ir-rapport tħejja fuq il-bażi ta' testi legali nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva kkomunikati lill-Kummissjoni, li l-lista sħiħa tagħhom tinsab fl-Anness, u tagħti wkoll l-ewwel indikazzjoni dwar l-isfidi tal-ġejjieni.

2. IT-TRASPOŻIZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Għalkemm id-Direttiva inkludiet fiha perjodu ta' traspożizzjoni ta' aktar minn sentejn wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, traspożizzjoni f'waqtha dehret li kienet diffiċli għal diversi Stati Membri.

Il-Kummissjoni rċeviet notifika uffiċjali tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva minn maġġoranza tal-Istati Membri (20) (id-dettalji fl-Anness). Stati Membri oħrajn infurmaw lill-Kummissjoni li jinsabu fi stadji avvanzati tal-proċedura.

Il-Kummissjoni tat bidu għal proċeduri ta' ksur għan-nuqqas ta' komunikazzjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE kontra l-Istati Membri li ma kkomunikawx ir-regoli nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva. Fil-preżent seba' Stati Membri għadhom ma kkomunikawx it-traspożizzjoni. Stat Membru wieħed ikkomunika parzjalment.

3. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA: PRODOTTI RELATATI MAD-DIFIŻA

Id-Direttiva tapplika għall-prodotti relatati mad-difiża kif stabbilit fl-Anness tagħha, li diġà ġiet emendata darbtejn, jiġifieri permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/80/UE tat-22 ta' Novembru 2010[2] u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/10/UE tat-22 ta' Marzu 2012[3].

Dawn l-emendi huma l-konsegwenza tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva, li tipprevedi li l-Kummissjoni se taġġorna l-lista ta' prodotti relatati mad-difiża stabbilita fl-Anness tad-Direttiva, biex din tikkorrispondi b'mod strett mal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.

Din il-Lista Militari Komuni tal-UE hija adottata fil-kuntest tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' tagħmir teknoloġiku u militari[4]. Din il-Pożizzjoni Komuni tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tippermettilhom jikkontrollaw l-esportazzjoni tat-teknoloġija u t-tagħmir elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-UE. Skont il-Pożizzjoni Komuni, il-Lista Militari Komuni tal-UE taġixxi bħala punt ta' referenza għall-listi nazzjonali tat-teknoloġija u t-tagħmir militari tal-Istati Membri, iżda ma għandhiex direttament tissostitwihom.

Il-lista hija aġġornata annwalment mill-Kunsill, normalment bħala konsegwenza ta' emenda fil-"Lista ta' Munizzjonijiet" adottata fil-qafas tal-"Ftehim ta' Wassenaar dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni għall-Armi Konvenzjonali u l-Prodotti u t-Teknoloġiji b'Użu Doppju"[5] li fih

---

2 ĠU L 308, 24.11.2010, p. 11.

3 ĠU L 85, 24.03.2012, p. 3.

4 ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99.

5 Il-Ftehim ta' Wassenaar huwa magħmul minn 41 pajjiż b'Segretarjat fi Vienne. L-għan tiegħu hu li jikkontribwixxi għal sigurtà reġjonali u internazzjonali, billi jippromwovi trasparenza u responsabbiltà akbar fit-trasferimenti tal-armi konvenzjonali u l-prodotti u t-teknoloġiji b'użu doppju, biex b'hekk jiġu evitati akkumulazzjonijiet destabilizzanti.

22 entrata ewlenija dwar oġġetti maħsuba għall-użu militari, inkłużi ċerti oġġetti fil-kategoriji bħalma huma (imma mhux limitati għal) armi żgħar u armi ħfief (u munizzjoni relatata), tankijiet u vetturi militari armati oħra, bastimenti tal-ġlied (tal-wiċċ jew ta' qiegħ il-baħar), tagħmir korazzat/protettiv, ajruplani u vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, eċċ.

4. IL-PRINĊIPJU TA' AWTORIZZAZZJONI MINN QABEL

4.1. It-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża bejn l-Istati Membri jridu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel...

Id-Direttiva tispeċifika li t-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża bejn l-Istati Membri irid ikun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel (liċenzja) (l-Artikolu 4). It-trasferiment huwa definit bħala "kull trażmissjoni jew moviment ta' prodott relatat mad-difiża mingħand fornitur lil riċevitur fi Stat Membru ieħor". Il-liċenzja hija l-awtorizzazzjoni minn awtorità nazzjonali ta' Stat Membru għall-forituri ta' prodotti relatati mad-difiża lil riċevitur fi Stat Membru ieħor.

L-Istati Membri kollha li ttrasponew id-Direttiva, kompletament jew parzjalment, għandhom ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel inkorporata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

4.2. ...imma eżenzjonijiet huma possibbli

4.2.1. It-trasferimenti minn u lejn korpi governattivi u l-forzi armati, minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew għal programmi kooperattivi dwar l-armamenti

L-Istati Membri jitħallew jeżentaw it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel fejn il-fornitur jew ir-riċevitur ikun korp governattiv jew parti mill-forzi armati, jew għal provvisti magħmula mill-Unjoni Ewropea, in-NATO, l-IAEA jew organizzazzjonijiet intergovernattivi oħra għall-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom. It-trasferimenti li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' programm kooperattiv dwar l-armamenti bejn l-Istati Membri jistgħu wkoll jiġu eżentati (l-Artikolu 4(2)).

Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka (fil-każ biss ta' forzi armati jew programmi kooperattivi), il-Ġermanja (fil-każ biss ta' korpi governattivi u l-forzi armati), l-Estonja, il-Greċja, Franza, il-Litwanja, l-Ungerija (ħlief għal programmi kooperattivi), Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Isvezja użaw dawn l-eċċezzjonijiet.

4.2.2. It-trasferimenti marbuta ma' għajnuna umanitarja u sitwazzjonijiet ta' emerġenza

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel għat-trasferimenti marbuta ma' għajnuna umanitarja f'każ ta' diżastru jew bħala donazzjoni f'każ ta' emerġenza.

Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Isvezja użaw din l-eċċezzjoni.

4.2.3. It-trasferimenti għal tiswija, manutenzjoni, wiri jew dimonstrazzjoni

Billi id-Direttiva għandha l-għan li tnaqqas sostanzjalment il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet tal-liċenzjar u l-industrija tad-difiża fi ħdan l-UE, l-Istati Membri jistgħu wkoll

jeżentaw it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża li huma meħtieġa waqt jew wara t-tiswija, il-manutenzjoni, il-wiri jew id-dimonstrazzjoni.

Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċja, Franza, Malta, l-Awstrija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Isvezja użaw din l-eċċezzjoni.

4.2.4. Eżenzjonijiet addizzjonali

Id-Direttiva tawtorizza l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, biex tinkludi eżenzjonijiet addizzjonali fejn it-trasferiment isir skont kundizzjonijiet li ma jaffettwawx l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika, fejn l-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel ikun sar inkompatibbli mal-impenji internazzjonali tal-Istati Membri sussegwenti għall-adozzjoni ta' din id-Direttiva, jew jekk dan huwa meħtieġ għal kooperazzjoni intergovernattiva.

Bħalissa, il-Kummissjoni la rċeviet talba bħal din, u lanqas identifikat ħtieġa speċifika għal eżenzjonijiet addizzjonali.

4.3. Il-liċenzji għall-passaġġ u d-dħul għal prodotti relatati mad-difiża li jidħlu jew li jaqsmu t-territorju ta' Stat Membru

Waħda mill-affarijiet ġodda tad-Direttiva hija l-abolizzjoni tal-liċenzji għall-"passaġġ minn" u d-"dħul", jiġifieri t-trasport ta' prodotti relatati mad-difiża minn Stat Membru wieħed jew aktar, għajr l-Istati Membri minn fejn jintbagħtu u dawk li se jirċevuhom, mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet neċessarji għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew politika pubblika bħal, fost l-oħrajn, is-sikurezza tat-trasport. Dan ifisser li liċenzja ġenerali, globali jew individwali (ara d-dettalji fil-punt 5 hawn taħt) mill-Istat Membru tal-oriġini għandha tkun biżżejjed għal trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża

Il-liċenzji għall-passaġġ u d-dħul għat-trasferimenti intra-UE mhux se jkunu meħtieġa fl-Istati Membri kollha li ttrasponew id-Direttiva, ħlief fl-eċċezzjonijiet previsti fid-Direttiva. Pereżempju, il-Ġermanja se teħtieġ liċenzja ġenerali biss għad-dħul u l-passaġġ ta' armi tal-gwerra. Il-Pajjiżi l-Baxxi se jwaqqfu sistema preċedenti ta' notifika. L-Ungerija se teħtieġ liċenzji għall-passaġġ biss għal ċerti kategoriji ta' prodotti u se żżomm il-liċenzji għad-dħul.

Dan it-tnaqqis fil-liċenzji u l-proċeduri amministrattivi relatati hu mistenni li jissimplifika b'mod sinifikanti t-trasferiment intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża, inaqqas ir-rekwiżiti amministrattivi għall-kumpaniji u jtejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-Istati Membri.

4.4. Il-komponenti

Il-komponenti ta' prodotti relatati mad-difiża jokkupaw post partikolari fid-Direttiva. Bosta tranżazzjonijiet bejn l-impriżi relatati mad-difiża fl-UE jirrelataw ma' komponenti ttrasferiti minn fornitur (ta' sikwit SME) lil integratur li jinkorpora l-komponent li jkun wasal għandu f'subsistema akbar (eż. is-sonar) jew f'sistema akbar (eż. sottomarin). Kumpaniji integraturi normalment jipproduċu sistemi kbar tal-armi li jinkorporaw komponenti li ġejjin minn fornitur li possibbilment jinsab fi Stat Membru ieħor (eż. konnetturi li għandhom jiġu inkorporati f'ajruplan).

Għalkemm il-komponenti mhumiex formalment definiti mid-Direttiva, l-Artikolu 4(7) jeħtieġ li l-Istati Membri jiddeterminaw it-termini u l-kundizzjonijiet tal-liċenzji tat-trasferiment għall-komponenti fuq il-bażi ta' valutazzjoni tas-sensittività tat-trasferiment fid-dawl ta', fost

l-oħrajn, in-natura tal-komponenti fir-rigward tal-prodotti li fihom għandhom jiġu inkorporati u kull użu aħħari tal-prodotti lesti li jista' jagħti lok għal tħassib, u s-sinifikat tal-komponenti fir-rigward tal-prodotti li fihom għandhom jiġu inkorporati.

Ħlief f'każijiet fejn huma jikkunsidraw li t-trasferiment tal-komponenti huwa sensittiv, l-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jimponu limitazzjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-komponenti fejn ir-riċevitur jipprovdi dikjarazzjoni tal-użu li tiddikjara li l-komponenti soġġetti għal dik il-liċenzja tat-trasferiment huma integrati jew għandhom jiġu integrati fil-prodotti tiegħu stess u ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati fi stadju aktar tard bħala tali ħlief għal manutenzjoni jew tiswija (l-Artikolu 4(8)).

L-Istati Membri li ttrasponew bis-sħiħ id-Direttiva ħadu inkunsiderazzjoni dawn id-dispożizzjonijiet fil-miżuri nazzjonali adottati.

5. IL-LIĊENZJI ĠENERALI, GLOBALI U INDIVIDWALI TAT-TRASFERIMENT

5.1. Tliet tipi ta' liċenzji tat-trasferiment

Qabel l-adozzjoni tad-Direttiva, il-liċenzjar individwali kien l-aktar għodda amministrattiva komuni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Qabel kull trasferiment kienet meħtieġa awtorizzazzjoni individwali bil-proċeduri u l-ispejjeż assoċjati. Din hi r-raġuni għalfejn id-Direttiva tintroduċi żewġ kategoriji ġodda ta' liċenzji, il-liċenzji ġenerali u dawk globali li se jissimplifikaw il-proċeduri assoċjati mat-trasferimenti. Permezz ta' dawn it-tipi ġodda ta' liċenzji, l-industrija Ewropea tad-difiża se tibbenefika minn katina tal-provvista effiċjenti, bla intoppi u affidabbli kull meta jsir akkwist ta' tagħmir fi Stat Membru ieħor.

L-Istati Membri kollha li ttrasponew id-Direttiva inkorporaw fil-leġiżlazzjoni tagħhom it-tliet tipi ta' liċenzji: ġenerali, globali u individwali, bil-kundizzjonijiet relatati previsti fid-Direttiva.

5.2. Il-liċenzji ġenerali tat-trasferiment

5.2.1. Il-forniturі li se jibbenefikaw mil-liċenzji ġenerali tat-trasferiment

Il-liċenzji ġenerali tat-trasferiment jawtorizzaw lill-forniturі stabbiliti fi Stat Membru biex jagħmlu trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża, li huma speċifikati fil-liċenzja, għal kategoriji ta' riċevituri li jinsabu fi Stat Membru ieħor (l-Artikolu 5). Il-forniturі għandhom jew jissodisfaw it-termini u l-kundizzjonijiet meħtieġa mal-liċenzja ġenerali, jew jitolbu liċenzja globali jew individwali.

Liċenzja ġenerali tat-trasferiment hija ppubblikata u ma teħtieġx talba individwali għat-trasferiment. Din tippermetti lill-forniturі li jikkonformaw ma' dawn il-kondizzjonijiet li jittrasferixxu prodotti mingħajr aktar formalitajiet f'dak l-istadju. L-Istati Membri se jikkontrollaw it-trasferimenti *ex post.*

Fundamentalment din it-tip ta' liċenzja se tissimplifika l-proċeduri għall-forniturі għat-trasferimenti l-inqas sensittivi. Se tippermetti lill-Istati Membri li jiffokaw l-isforzi ta' kontroll fuq l-aktar trasferimenti sensittivi, peress li analiżi ta' każ b'każ mhux se tkun meħtieġa għat-tranżazzjonijiet kollha.

5.2.2. Il-kategoriji ta' riċevituri li jirċievu prodotti relatati mad-difiża skont liċenzja ġenerali tat-trasferiment

Il-liċenzji ġenerali tat-trasferiment għandhom jiddeterminaw il-kategoriji ta' riċevituri li jinsabu fi Stat Membru ieħor. Dawn il-kategoriji ta' riċevituri jinkludu "impriżi ċertifikati", il-forzi armati ta' Stat Membru jew awtorità konkraenti fil-qasam tad-difiża, li jkunu qegħdin jixtru l-użu esklussiv mill-forzi armati ta' Stat Membru. Il-liċenzji ġenerali tat-trasferiment għandhom jintużaw ukoll fejn it-trasferiment isir għall-iskop ta' dimostrazzjoni, evalwazzjoni jew wirja, jew għall-iskopijiet ta' manutenzjoni u tiswija, jekk ir-riċevitur ikun il-fornitur ta' oriġini tal-prodotti relatati mad-difiża (l-Artikolu 5(2)).

Madankollu, id-Direttiva toffri lill-Istati Membri l-flessibbiltà biex iwessgħu dawn il-kategoriji ta' riċevituri, jew biex iżidu t-trasferimenti magħmula għal skopijiet oħra.

Il-liċenzji ġenerali se jkunu disponibbli fl-Istati Membri kollha li jkunu ttrasponew bis-sħiħ id-Direttiva għall-kategoriji msemmija hawn fuq. Għaldaqstant, is-Slovenja tipprevedi liċenzji ġenerali biss għall-forzi armati u r-riċevituri ċertifikati, filwaqt li f'każijiet oħra se ssir eċċezzjoni mil-liċenzja; Spanja tipprevedi wkoll liċenzji ġenerali għat-trasferimenti relatati mal-operazzjonijiet tan-NATO u n-NAMSA; Il-Bulgarija, il-Greċja, Ċipru u Malta qed jipprevedu liċenzji ġenerali għall-programmi ta' kooperazzjoni, previsti fl-Artikolu 5(3).

5.2.3. It-tipi ta'prodotti relatati mad-difiża li jistgħu jiġu trasferiti skont liċenzja ġenerali tat-trasferiment

L-Istati Membri huma intitolati li jiddeterminaw it-tip ta' liċenzja tat-trasferiment għal prodotti relatati mad-difiża jew għal kategoriji ta' prodotti relatati mad-difiża (l-Artikolu 4(5)).

Bosta Stati Membri bħall-Estonja, Spanja, Franza, Ċipru, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Portugall diġà kkomunikaw il-lista ta' liċenzji ġenerali tagħhom lill-Kummissjoni. Madankollu, l-Istati Membri huma mistennija li jippubblikaw il-listi flimkien mal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti u kundizzjonijiet oħra tal-liċenzja ġenerali tagħhom sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2012, jiġifieri l-iskadenza għall-implimentazzjoni tad-Direttiva.

5.2.4. Ir-reġistrazzjoni qabel l-ewwel użu ta' liċenzja ġenerali tat-trasferiment

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni qabel l-ewwel użu ta' liċenzja ġenerali tat-trasferiment (l-Artikolu 5(4)). Pereżempju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Spanja, Franza, il-Greċja, l-Awstrija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall u s-Slovenja introduċew dan ir-rekwiżit fil-leġiżlazzjoni.

Barra minn hekk, il-forituri għandhom jinfurmaw, fi żmien raġonevoli, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li mit-territorju tiegħu jixtiequ jittrasferixxu prodotti relatati mad-difiża bl-intenzjoni tagħhom li jużaw għall-ewwel darba liċenzja ġenerali tat-trasferiment (l-Artikolu 8(2)). Diversi Stati Membri, pereżempju l-Greċja, Franza, Ċipru, il-Latvja, l-Awstrija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Isvezja se jitolbu tali reġistrazzjoni.

L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw l-informazzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa dwar prodotti relatati mad-difiża trasferiti skont liċenzja ġenerali tat-trasferiment. Din id-dispożizzjoni tista' tgħin lill-Istati Membri biex jidentifikaw il-forituri li attwalment qed jużaw liċenzji ġenerali sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivverifikaw ir-reġistri tal-fornitur, jekk dan ikun meħtieġ.

5.3. Il-liċenzji globali tat-trasferiment

Liċenzja globali tat-trasferiment hija awtorizzazzjoni minn qabel mogħtija minn awtorità nazzjonali ta' Stat Membru lil fornitur individwali, fuq talba tiegħu, li jittrasferixxi prodotti speċifikati mingħajr limiti kwantitattivi għal riċevituri speċifikati għal perjodu rinovabbli ta' tliet snin (l-Artikolu 6). Il-potenzjal ta' simplifikazzjoni tagħha tinsab fil-fatt li l-liċenzji globali tat-trasferiment mhumiex relatati ma' vjeġġ wieħed iżda jistgħu jintużaw biex ikopru diversi trasferimenti fuq perjodu itwal. Dawn jistgħu jkunu partikolarment utli fil-każ ta' vjeġġi ta' rutina lejn klijenti regolari jew għall-SMEs b'katalogu limitat.

L-esperjenza miksuba fi wħud mill-Istati Membri wriet il-potenzjal sostanzjali tas-simplifikazzjoni tal-liċenzji globali. Pereżempju meta fl-2002 Franza introduċiet l-għażla tal-liċenzji globali bbażata fuq il-katalogu tal-kumpaniji parteċipanti (li speċifikament hu mmirat għall-SMEs), l-ewwel 35 liċenzja li waslu ssostitwew 1 250 liċenzja individwali, u għalhekk jirrappreżentaw tnaqqis sinifikanti fil-burokrazija.

Il-liċenzji globali tat-trasferiment, kif mitlub mid-Direttiva, se jkunu disponibbli fl-Istati Membri kollha li ttrasponew id-Direttiva. L-ebda informazzjoni dwar liema kategoriji ta' prodotti se jkunu soġġetti għal-liċenzji globali ma ġiet ipprovduta lill-Kummissjoni.

5.4. Il-liċenzji individwali tat-trasferiment

Il-liċenzji individwali tat-trasferiment huma awtorizzazzjoni mogħtija minn awtorità nazzjonali ta' Stat Membru lil fornitur individwali għal trasferiment wieħed u għal kwantità speċifika ta' prodotti. Dawn għandhom jintużaw biss fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 7: meta tkun limitata għal trasferiment wieħed; fejn hija meħtieġa għall-ħarsien tal-interess essenzjali tas-sigurtà tal-Istat Membru jew minħabba raġunijiet ta' politika pubblika, jew meta tkun meħtieġa għal konformità mal-obbligi u l-impenji internazzjonali tal-Istati Membri. Il-liċenzji individwali tat-trasferiment jistgħu jintużaw ukoll fejn Stat Membru jkollu raġuni serja biex jemmen li fornitur mhux se jkun jista' jikkonforma mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-liċenzji globali jew ġenerali tat-trasferiment.

Il-kriterji li jippermettu l-ħruġ ta' liċenzja individwali tat-trasferiment huma għaldaqstant aktar restrittivi. Il-liċenzji individwali tat-trasferiment huma maħsuba biex jibqgħu għal għadd limitat ta' każijiet. Fil-ġejjieni huwa mistenni li l-maġġoranza tat-trasferimenti intra-UE jkunu jistgħu jseħħu skont liċenzji ġenerali u globali, filwaqt li liċenzjar individwali se jibqa' jgħodd biss għall-aktar oġġetti sensittivi.

L-ebda informazzjoni dwar liema kategoriji ta' prodotti se jkunu soġġetti għal-liċenzji individwali ma ġiet ipprovduta lill-Kummissjoni.

5.5. L-informazzjoni li għandha tingħata mill-forniturі

Il-forniturі għandhom jipprovdu informazzjoni lir-riċevituri u lill-awtoritajiet u għandhom iżommu rekords rilevanti dwar it-trasferimenti sabiex jiffaċilitaw kontroll adegwat.

L-Istati Membri kollha li ttrasponew bis-sħiħ id-Direttiva inkludew dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni, ir-rappurtar u ż-żamma tar-rekords fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Pereżempju, il-forniturі fi Spanja u l-Pajjiżi l-Baxxi jeħtiġilhom jipprovdu informazzjoni lill-awtoritajiet ikkonċernati kull sitt xhur u l-forniturі fl-Ungerija kull tliet xhur. Fir-rigward taż-żamma tar-rekords, il-perjodu jvarja minn tliet snin fl-Isvezja, għal seba' snin fl-Irlanda u Ċipru, sa 10 snin fil-Bulgarija u Franza.

5.6. L-awtoritajiet tal-liċenzjar

Ir-rwol tal-liċenzjar jingħata lil istituzzjonijiet differenti fi Stati Membri differenti, mhux biss lill-Ministeri tad-Difiża bħal dawk fil-Portugall jew Franza, iżda wkoll lil istituzzjonijiet oħrajn bħall-Uffiċċju tal-Liċenzji Kummerċjali fl-Ungerija, il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi fil-Pajjiżi l-Baxxi, jew l-Aġenzija għan-Nonproliferazzjoni u l-Kontrolli tal-Esportazzjoni fl-Isvezja.

6. IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TAL-INTRAPRIŻI DESTINATARJI

6.1. L-għan taċ-ċertifikazzjoni

Iċ-ċertifikazzjoni hija waħda mill-elementi ewlenin tad-Direttiva u tintroduċi approċċ ġdid fis-sistema tal-kontroll tat-trasferimenti tad-difiża. L-għan taċ-ċertifikazzjoni tar-riċevituri huwa li tiġi stabbilita l-affidabbiltà tagħhom biex jirċievu prodotti relatati mad-difiża skont liċenzja ġenerali tat-trasferiment ippubblikata fi Stat Membru ieħor. Din hija miżura li żżid il-fiduċja u hija għodda li ssaħħaħ il-kontrolli *ex-post*. Din se tnaqqas ir-riskju ta' trasferimenti illeċiti u ttejjeb it-traċċabbiltà tal-prodotti relatati mad-difiża trasferiti skont liċenzja ġenerali tat-trasferiment.

6.2. Il-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni

Id-Direttiva tipprevedi għal kriterji komuni għaċ-ċertifikazzjoni madwar l-UE (l-Artikolu 9(2)). Iċ-ċertifikazzjoni għandha l-għan li lill-Istati Membri u lill-forituri tipprovdilhom "garanziji" dwar l-esperjenza tal-impriża destinatarja fl-attivitajiet tad-difiża, ir-rekord tal-konformità tagħha mar-rekwiżiti legali rilevanti (notevolment fil-qasam tal-esportazzjonijiet mill-ġdid), u l-affidabbiltà u l-kwalità tal-programmi u l-istruttura ta' kontroll interni tagħha. B'mod partikolari, iċ-ċertifikazzjoni tirrikonoxxi li miżuri xierqa ta' prevenzjoni tar-riskju huma implimentati biex jipproteġu l-prodotti, inklużi dawk intanġibbli (it-teknoloġiji, l-għarfien, u s-softwer eċċ.).

Dawn id-dispożizzjonijiet joħolqu l-ħtieġa ta' qafas legali u istituzzjonali ġdid fl-Istati Membri. Sabiex tiffaċilita t-traspożizzjoni tad-Direttiva, il-Kummissjoni adottat ir-Rakkomandazzjoni 2011/24/UE tal-11 ta' Jannar 2011 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' impriżi tad-difiża skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/43/KE[6] li tipprevedi linji gwida dwar il-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni. L-għan ewlieni tagħha huwa li tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni konverġenti tal-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni sabiex, pereżempju, iċ-ċertifikati jkunu jistgħu jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku aktar malajr. Ir-Rakkomandazzjoni tistieden lill-Istati Membri biex japplikawha sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2012.

6.3. It-traspożizzjoni tal-elementi ewlenin taċ-ċertifikazzjoni

Skont il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni kkomunikati, l-Istati Membri li ttrasponew bis-sħiħ poġġew f'posthom elementi meħtieġa biex jiċċertifikaw ir-riċevituri tad-difiża. Dawk l-Istati Membri ħatru awtoritajiet kompetenti kif mitlub mill-Artikolu 9(1) u stabbilixxew il-kriterji ta' affidabbiltà previsti bl-Artikolu 9(2). B'mod ġenerali, il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali jipprevedu r-rikonoxximent taċ-ċertifikati adottati minn Stati Membri oħra (l-Artikolu 9(6)). Barra minn hekk, l-Istati Membri li ttrasponew bis-sħiħ id-Direttiva poġġew f'posthom il-

[6] ĠU L 11 tal-15.1.2011, p. 62.

mekkaniżmi meħtieġa biex jissorveljaw il-konformità mal-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni u biex japplikaw il-miżuri korrettivi meħtieġa, kif mitlub mill-Artikolu 9(5) u 9 (7).

6.4. Il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar riċevituri ċertifikati

L-Istati Membri għandhom jippubblikaw u jaġġornaw regolarment il-lista ta' riċevituri ċertifikati u jinfurmaw lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri l-oħra b'dan. Huwa previst ukoll li reġistru ċentrali ta' riċevituri ċertifikati mill-Istati Membri jkun disponibbli mill-Kummissjoni fuq il-websajt tagħha (l-Artikolu 9(8)).

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ħolqot il-bażi ta' dejta CERTIDER. Din is-sistema tfasslet f'kooperazzjoni ma' grupp ta' ħidma ddedikat magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri. Is-sistema kienet ittestjata u vvalidata minn rappreżentanti tal-Istati Membri li se jdaħħlu l-informazzjoni dwar l-intrapriżi destinatarji ċertifikati fir-reġistru. Is-CERTIDER hija disponibbli f'dan l-indirizz: *http://www.ec.europa.eu/enterprise/sectors/difiża/certider/.*

6.5. L-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jinnominaw awtoritajiet kompetenti biex iwettqu ċ-ċertifikazzjoni tar-riċevituri stabbiliti fit-territorju tagħhom ta' prodotti relatati mad-difiża skont liċenzji ġenerali tat-trasferiment ippubblikati minn Stati Membri oħrajn.

Dan ir-rwol ingħata lil istituzzjonijiet differenti fi Stati Membri differenti, mhux biss lill-Ministeri tad-Difiża bħalma ġara fil-Greċja, Franza, is-Slovenja u l-Portugall, iżda wkoll lill-Ministeri tal-Industrija fir-Repubblika Ċeka u Spanja, u l-Ministeri tal-Ekonomija fl-Awstrija, il-Pajjiżi l-Baxxi, is-Slovakkja u l-Litwanja.

6.6. Il-miżuri ta' salvagwardja

Id-Direttiva toffri l-possibbiltà li liċenżja ġenerali tiġi sospiża fir-rigward ta' riċevitur ċertifikat fi Stat Membru ieħor f'ċerti każijiet speċifiċi u skont ċerti kundizzjonijiet (l-Artikolu 15). Hija tipprevedi wkoll mekkaniżmu li jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni.

Bosta Stati Membri bħalma huma l-Bulgarija, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Ċipru, Malta, l-Awstrija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Isvezja ddeċidew li jinkorporaw dawn id-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

7. L-ESPORTAZZJONIJIET WARA T-TRASFERIMENT

L-esportazzjonijiet ta' prodotti relatati mad-difiża huma rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK. Id-Direttiva tispeċifika b'mod ċar li hija ma taffettwax id-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika dwar l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża (l-Artikolu 1(2)).

Madankollu, il-liċenzji tat-trasferiment jistgħu jinkludu restrizzjonijiet speċifiċi fuq l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 4(6) jitlob li l-Istati Membri jiddeterminaw it-termini u l-kundizzjonijiet kollha għal liċenzji tat-trasferiment, inkluż kull limitazzjoni dwar l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża lil persuni ġuridiċi jew fisiċi f'pajjiżi terzi, filwaqt li jitqies, fost l-oħrajn, ir-riskju għall-preservazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà li jinħolqu bit-trasferiment.

L-Istati Membri jridu jiżguraw li r-riċevituri tal-prodotti relatati mad-difiża, meta japplikaw għal liċenzja ta' esportazzjoni, jiddikjaraw lill-awtoritajiet kompetenti, f'każijiet fejn tali prodotti jkollhom limitazzjonijiet tal-esportazzjoni mehmuża magħhom, li huma kkonformaw mat-termini ta' dawk il-limitazzjonijiet, inkluż, skont kif ikun il-każ, li huma jkunu akkwistaw il-kunsens meħtieġ mill-Istati Membri tal-oriġini (l-Artikolu 10). L-Istati Membri li ttrasponew bis-sħiħ id-Direttiva inkorporaw dawn id-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

L-Istati Membri jridu jiżguraw li, meta jkunu qegħdin ilestu l-formalitajiet għall-esportazzjoni fl-uffiċċju doganali, l-esportaturi jġibu prova li nkisbet kwalunkwe liċenzja ta' esportazzjoni meħtieġa (l-Artikolu 11(1)). Il-proċeduri doganali meħtieġa qegħdin fis-seħħ fl-Istati Membri kollha li ttrasponew id-Direttiva.

Bosta Stati Membri bħall-Bulgarija, l-Irlanda, il-Greċja, Ċipru, l-Ungerija, il-Portugall jew is-Slovenja użaw il-possibbiltà tal-Artikolu 11(2) biex jissospendu l-proċess tal-esportazzjoni mit-territorju tagħhom għal perjodu massimu ta' 30 jum.

L-Istati Membri li jipprevedu li l-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża jistgħu jsiru biss f'ċerti uffiċċji doganali għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-uffiċċji doganali rilevanti (l-Artikolu 11(4)). Il-Kummissjoni trid tippubblika din l-informazzjoni fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Bħalissa huma biss il-Bulgarija, il-Greċja, u l-Isvezja li approfittaw minn din l-għażla fil-leġiżlazzjoni tagħhom.

8. IS-SANZJONIJIET

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva (l-Artikolu 16). Sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi huma miżuri importanti li huma meħtieġa biex tinbena fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri, imma għandhom ikunu wkoll biżżejjed biex jiżguraw l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità mal-kriterji komuni għaċ-ċertifikazzjoni u mal-limitazzjonijiet għal użu ulterjuri ta' prodotti relatati mad-difiża wara li jseħħ trasferiment.

L-Istati Membri kollha li ttrasponew id-Direttiva daħħlu dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Is-sanzjonijiet jikkonsistu jew f'multi amministrattivi (fl-Ungerija u fir-Repubblika Ċeka) jew f'kombinazzjoni ta' multi amministrattivi u priġunerija (l-Irlanda, Malta u l-Isvezja).

9. L-ISFIDI TAT-TRASPOŻIZZJONI

Kif imsemmi qabel, għad fadal sfidi biex tiġi ffinalizzata t-traspożizzjoni fl-Istati Membri kollha u, l-aktar importanti, biex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva. Dan se jwassal għas-simplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tat-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża fi ħdan l-UE u konsegwentement se jiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern fis-settur tad-difiża.

Fir-rigward tal-Anness tad-Direttiva, għalkemm dan għandu jkun identiku f'kull ħin mal-Lista Militari Komuni tal-UE, il-prattika turi li l-proċedura għall-emenda tal-Anness tieħu minn tal-anqas seba' xhur. Konsegwentement, l-Anness mhuwiex bħal-Lista Militari Komuni tal-UE għal mill-anqas seba' xhur tas-sena. Barra minn hekk, id-Direttiva tal-Kummissjoni li temenda

l-Anness għandha tiġi trasposta mill-Istati Membri u titlob li jkun hemm proċedura leġiżlattiva jew amministrattiva nazzjonali. Għaldaqstant, wieħed jista' jassumi li l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Anness mhu se jkunu qatt identiċi għal-Lista Militari Komuni tal-UE li tapplika bħalissa, sakemm l-Istati Membri ma jittrasponux il-Lista Militari Komuni tal-UE mingħajr ma jistennew l-emenda tal-Anness. Dawn id-diskrepanzi jwasslu għal diverġenzi legali u amministrattivi għall-awtoritajiet nazzjonali u l-impriżi relatati mad-difiża fi ħdan l-UE u jmorru kontra l-intenzjoni tal-leġiżlatur li jkun hemm konformità stretta bejn l-Anness tad-Direttiva u l-Lista Militari Komuni tal-UE.

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li dan huwa meħtieġ biex jissimplifika l-proċedura għall-allinjament tal-Anness tad-Direttiva mal-Lista Militari Komuni tal-UE. Din il-kwistjoni se tkompli tiġi analizzata mill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew.

10. KONKLUŻJONI

Id-Direttiva 2009/43/KE tapplika għal qasam fi ħdan is-suq intern, li s'issa huwa soġġett għal eċċezzjonijiet frekwenti mill-Istati Membri minħabba l-implikazzjonijiet tagħha tas-sigurtà. Id-Direttiva se tikkontribwixxi biex jissaħħaħ is-suq intern, jonqos il-piż amministrattiv, tissaħħaħ il-bażi industrijali tad-difiża tal-UE, u jiżdiedu l-integrazzjoni u s-sigurtà tal-provvista. Din se ttejjeb ukoll l-effiċjenza tal-kontroll tal-esportazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-għanijiet tas-sigurtà tal-Istati Membri.

It-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-parti l-kbira tal-Istati Membri hija pass sinifikanti 'l quddiem fl-integrazzjoni ta' suq intern għad-difiża. It-traspożizzjoni fil-ħin kienet sfida għall-Istati Membri. Madankollu, il-livell ta' traspożizzjoni jindika intergrazzjoni tajba fil-liġi nazzjonali tal-karatteristiċi ewlenin tad-Direttiva, jiġifieri sistema simplifikata tal-liċenzjar li tkun koerenti madwar l-UE, Lista Militari Komuni li tissostitwixxi listi preċedenti differenti ta' munizzjon stabbiliti fil-livell nazzjonali, u ċertifikazzjoni ta' kumpaniji tad-difiża li jirriżultaw f'aktar fiduċja reċiproka u rikonoxximent komuni tal-affidabbiltà ta' kumpaniji tad-difiża.

Il-Kummissjoni se tissorvelja mill-qrib it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva bl-appoġġ tal-Kumitat, bil-għan li tgħin lill-Istati Membri matul il-proċess u tidentifika l-bżonnijiet tagħhom fil-ħin. Il-Kummissjoni se tirrevedi l-implimentazzjoni u tirrapporta dwar dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2016[7].

[7] Kif previst bl-Artikolu 17(2).

Anness

Lista ta' miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni[8]

Stat Membru	Miżura nazzjonali ta' traspożizzjoni kif ikkomunikat lill-Kummissjoni	L-aktar status reċenti tat-traspożizzjoni kif ikkomunikat lill-Kummissjoni
Il-Belġju	-	Fir-reġjun Kapitali ta' Brussell il-leġiżlazzjoni kienet mistennija tintbagħat lill-Parlament f'April 2012 Fir-Reġjun Fjamming il-proċedura leġiżlattiva ġiet konkluża fis-6 ta' Ġunju 2012 Fir-reġjun tal-Wallonja il-leġiżlazzjoni kienet mistennija tintbagħat lill-Parlament f'April 2012
Il-Bulgarija	Id-Digriet Nru 56 dwar il-Kontrolli fuq l-Esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża u oġġetti b'użu doppju l-Att tal-25 ta' Marzu 2011	Kompluta
Ir-Repubblika Ċeka	L-Att li jemenda l-Att Nru 38/1994 dwar il-kummerċ barrani fi prodotti militari u li jemenda l-Att Nru 455/1991, dwar kummerċ liċenzjat (l-Att dwar il-Liċenzji Kummerċjali), kif emendat, u l-Att Nru 140/1961, il-Kodiċi Kriminali, kif emendat fl-20 ta' Lulju 2011	Kompluta
Id-Danimarka	L-Att Nru 413 li jemenda l-Att tal-Armi u l-Isplussivi u l-Att dwar it-Tagħmir Militari tad-9 ta' Mejju 2011	Parzjali
Il-Ġermanja	L-Att li jittrasponi d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta'	Kompluta

[8] Il-miżuri nazzjonali ta' eżekuzzjoni kkomunikati mill-Istati Membri jistgħu jinsabu fuq: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:72009L0043:EN:NOT

	prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità tas-27 ta' Lulju 2011	
L-Estonja	L-Att dwar il-prodotti strateġiċi tat-12 ta' Lulju 2011	Kompluta
L-Irlanda	S.I. Nru 346 tal-2011 tar-Regolament tal-Komunitajiet Ewropej tal-2011 (Trasferimenti Intrakomunitarji ta' Prodotti Relatati mad-Difiża)	Kompluta
Il-Greċja	Il-Liġi Nru 4028 tal-11 ta' Novembru 2011 bl-Emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Liġi 2168/1993 li tirregola kwistjonijiet li jikkonċernaw l-armi, il-munizzjon, is-sustanzi splussivi u t-tagħmir splussiv u dispożizzjonijiet oħrajn	Kompluta
Spanja	Id-Digriet Irjali 844/2011, tas-17 ta' Ġunju li jimmodifika d-Digriet Irjali 2061/2008, tat-12 ta' Diċembru, li japprova r-Regolament ta' kontroll dwar il-kummerċ barrani f'materjal tad-difiża, materjal ieħor u oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju.	Kompluta
Franza	Il-Liġi Nru°2011-702 tat-22 ta' Ġunju 2011 relatata mal-kontrol tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża, mas-simplifikazzjoni tat-trasferimenti relatati mad-difiża fl-UE u mas-swieq tad-difiża u s-sigurtà Id-Digriet Nru 2011-1467 tad-9 ta' Novembru 2011 dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet barra mill-UE u t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża Il-leġiżlazzjoni sekondarja li tippubblika liċenzji ġenerali	Kompluta
L-Italja	-	Il-proċedura leġiżlattiva ġiet konkluża fit-30 ta' Mejju 2012 imma l-miżuri nazzjonali ma ġewx ikkomunikati

Ċipru	Ir-Regolamenti dwar il-Prodotti Kkontrollati tal-2011 (it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità).	Kompluta
Il-Latvja	L-Emendi għar-Regolament tal-Kabinett Nru 657 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar il-proċeduri għall-ħruġ jew iċ-ċaħda ta' liċenzji għal prodotti strateġiċi u dokumenti oħrajn relatati maċ-ċirkolazzjoni ta' prodotti strateġiċi tat-28 ta' Ġunju 2011	Kompluta
Il-Litwanja	Il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja li temenda l-liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Kontroll ta' Prodotti Strateġiċi, Nru XI-1616 (Il-Gazzetta Uffiċjali, 2011, Nru 128-6052) tal-11 ta' Ottubru 2011. Il-Kodiċi Kriminali tar-Repubblika tal-Litwanja Nru VIII-1968 (Il-Gazzetta Uffiċjali, 2000, Nru 89-2741 Il-Liġi li temenda l-kodiċi kriminali tar-Repubblika tal-Litwanja Nru IX-1495 (Il-Gazzetta Uffiċjali 2003, Nru 38-1733) Il-Liġi Nru IX-2511 li temenda u tissupplimenta l-Kodiċi dwar ir-Reati Amministrattivi (Il-Gazzetta Uffiċjali, 2004, Nru 166-6060) (minn hawn 'il quddiem – il-Kodiċi Litwan dwar ir-Reati Amministrattivi) L-Ordni Nru V-766 tal-Ministeru Litwan tad-Difiża Nazzjonali tas-7 ta' Lulju 2011 li temenda l-Ordni Nru V-1216 tad-29 ta' Diċembru 2009 dwar l-approvazzjoni tal-Lista Militari Komuni (Il-Gazzetta Uffiċjali, 2011, Nru 92-4400)	Kompluta

	L-Ordni Nru 1B-393 tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Doganali Litwan tal-11 ta' Ġunju 2010 li temenda l-Ordni Nru 1B-351 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tal-klassifikatur tal-awtoritajiet doganali (Il-Gazzetta Uffiċjali, 2010, Nru 70-3528)	
Il-Lussemburgu		L-adozzjoni tal-miżuri nazzjonali mill-Parlament kienet skedata għat-13 ta' Ġunju 2012
L-Ungerija	Id-Digriet tal-Gvern Nru 160/2011 tat-18 ta' Awwissu 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni, l-importazzjoni, it-trasferiment u t-tranżitu ta' tagħmir u servizzi militari u ċ-ċertifikazzjoni tal-intrapriżi	Kompluta
Malta	L-Att dwar il-Provvista u s-Servizzi tat-8 ta' Novembru 2011	Kompluta
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Id-Digriet li jemenda d-Digriet dwar it-tagħmir strateġiku tat-30 ta' Settembru 2011 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar it-tagħmir strateġiku tat-8 ta' Novembru 2011 L-Att tat-22 ta' Ġunju 1950 dwar it-tħarrik u t-tressiq ta' persuni fir-rigward ta' offiżi ekonomiċi Ir-Regolamenti tas-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni tat-28 ta' Ottubru 2011 li jippubblikaw liċenzji ġenerali	Kompluta
L-Awstrija	L-Att tal-2011 dwar il-Kummerċ Barrani tat-28 ta' April 2011	Kompluta
Il-Polonja	-	Il-proċedura leġiżlattiva kienet għaddejja sa minn Marzu 2012
Il-Portugall	Il-Liġi 37/2011 tat-22 ta' Ġunju 2011	Kompluta

Ir-Rumanija	-	Mhux ikkomunikata
Is-Slovenja	Ir-Regolament dwar il-kunsensi tal-produzzjoni u l-permessi kummerċjali għall-armi u t-tagħmir militari, u dwar il-permessi preliminari għall-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' prodotti tad-difiża tal-20 ta' Lulju 2011	Kompluta
Is-Slovakkja	L-Att dwar il-kummerċ fi prodotti relatati mad-difiża u dwar l-emendi ta' ċerti atti tad-19 ta' Ottubru 2011	Kompluta
Il-Finlandja	-	Il-proċedura leġiżlattiva ġiet konkluża fl-14 ta' Ġunju 2012 imma l-miżuri nazzjonali ma ġewx ikkomunikati
L-Isvezja	L-Att li jemenda l-Att dwar it-Tagħmir Militari (1992:1300) tad-9 ta' Ġunju 2011 Ir-regolamenti u l-linji gwida doganali (TFS 1997:35) dwar il-munizzjonijiet L-Ordinanza SFS 2011:850 li temenda l-Ordinanza 1992:1303 dwar it-tagħmir militari	Kompluta
Ir-Renju Unit	L-Ordni tal-2008 dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni	Il-leġiżlazzjoni eżistenti tar-Renju Unit tikkonforma parzjalment mad-Direttiva